MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 279/2007

**A B**
**vs**
**C *sive* D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors gurament li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Ottubru 1994, u minn dan iz-zwieg ghandhom hamest itfal, Joseph, Romario, Jurgen, Brittney u Brienne, ilkoll minorenni; li "iz-zwieg tal-kontendenti tfarrak u tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet rikonoxxuti mill-ligi, fosthom ingurji, sevizzi, eccessi u minacci, kommessi mill-konvenuta, kif ukoll minhabba nkompatibilita' serja ta' karattri"; li l-ghira eccessiva tal-konvenuta rrendiet il-hajja konjugali difficli hafna, u f' xi zminijiet saret impossibbli, tant li l-attur ttenta darbtejn ohra, qabel l-istanza odjerna, sabiex jissepara minn ma' martu li minn naha taghha ma riditx tissepara; li hu fl-ahjar interess tal-minuri li dawn jibqghu jghixu ma'

ommhom il-konvenuta fid-dar matrimonjali proprjeta' ta' missierha, izda l-kura u kustodja ghandha tkun wahda kongunta; li l-attur ottjena l-awtorizzazzjoni tal-qorti sabiex jipprocedi ghall-istanza odjerna; ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti tordna: [1] is-separazzjoni personali bejn il-partijiet tort tal-konvenuta; [2] li l-kura u kustodja tal-minuri tkun wahda kongunta, izda l-minuri jibqghu jirrisjedu ma' ommhom il-konvenuta; [3] li l-attur ikollu access liberu, okkorrendo b' hinijiet fissi f' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet; [4][5] li tigi xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, tigi likwidata u assenjata lill-partijiet; [6] li tassenja lil kull parti l-beni parafernali taghha; [7] tinnomina nutar biex jippubblika l-att relattiv, u kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci; [8] li l-attur jirregistra s-sentenza ta' din il-Qorti fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta eccepiet: li hi m' ghandha ggorr ebda responsabbilita' ghal firda, u "kull tort huwa solament imputabbli lill-istess attur."[1]; li l-attur ghandu relazzjoni adultera, u jrid jehles minn uliedu, u li hu abbanduna d-dar konjugali; li huwa "inaccettabbli li jkun hemm kura u kustodja tat-tfal favur l-attur li qatt ma ta kazhom u dejjem halla kollox f' idejja [il-konvenuta]";

Rat il-kontro-talba maghmula mill-konvenuta rikonvenzjonanti u li tinsab a fols.16 sa 17 tal-process, u li kopja taghha qed tigi hawn annessa sabiex tifforma parti ntegrali mill-gudizzju odjern [Appendici A]. F' din il-kontro-talba, il-konvenuta, ippremettiet: li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba "eccessi, sevizzi, mohqrija, mincacci kontinwi, imma partikolarment minhabba adulterju."[2]; li l-attur abbanduna lil-martu u lil uliedu sabiex "jmur jghix ma' mara ohra u/jew ikollu relazzjoni ma' mara ohra."; li l-attur mhux qed jaghti ebda manteniment ghal uliedu; ghaldaqstant qed titlob li din il-Qorti: [1][2] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija ta' l-attur, u ghall-finijiet ta' l-artikolu 48[c] tal-Kap.16, tistabbilixxi d-data ta' meta ghandu jinsab hati

[1] Fol.15
[2] Fol.16

tal-firda; [3][6] ixxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti, tillikwidaha u tassenjaha; [4][5][9] li tapplika fil-konfront ta’ l-attur id-dispost ta’ l-artikolu 48[1] tal-Kap.16, u tordna li l-attur jhallas lill-konvenuta manteniment ghaliha u ghal uliedhom minuri, liema manteniment ghandu jinqata’ direttament mill-paga u sussegwentement mill-pensjoni; [7] li l-attur ghandu jirrestitwixxi lill-konvenuta l-proprjeta’ parafernali, u fin-nuqqas jhallas il-valur rispettiv; [8] li tafda lill-konvenuta bil-kura u kustodja tat-tfal minuri;

Rat ir-risposta guramentat prezentata mill-attur rikonvenzjonat, u li tinsab inserita fil-process a fols.23 sa 25, u li kopja taghha qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti minnu [Appendici B]; l-ewwel zewg eccezzjonijiet huma ta’ natura procedurali;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma’ martu l-konvenuta minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment tort tal-konvenuta ghar-ragunijiet indikati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta qed tattribwixxi t-tort kollu lill-attur fit-termini ta’ l-artikolu 38 u 41 ta’ l-istess Kap.

Inoltre, iz-zewg partijiet qed jitolbu li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Dawn huma l-parametri guridici, ta’ l-azzjoni u tal-kontro-talba.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-28 Ottubru 1994, u minn dan iz-zwieg twieldu hamest itfal, Joseph, Romario, Jurgen, Brittney u Brienne, rispettivament fis-

snin 1995, 1996, 1998, 1999 u 2005, u li ghalhekk illum ghandhom circa 15, 14, 12, 11 u 5 snin, ilkoll minorenni.

Illi l-attur jghid li l-inkwiet matrimonjali kien beda jfegg mill-bidu taz-zwieg, minhabba l-ghira eccessiva u patolgika ta' martu li kienet tiffissa li hu kien qed ikun infidil lejha. Is-sitwazzjoni aggravat bejn is-snin 2003 u 2004, tant li f' zewg okkazzjonijiet separati, l-attur kien ipprova jissepara minn ma' martu, izda dina dejjem rat kif ghamlet, sabiex ipperswadietu milli jkompli bil-proceduri.

Izda l-problema baqghet hemm, u l-inkwiet wasal fil-punt li l-attur kien kostrett jitlaq mid-dar matrimonjali, ghax "kienet iggenninni"; dan kien fil-11 ta' Marzu 2007. Jispjega li l-ghira ta' martu kienet wasslet f' ossessjoni, tant li hi kienet tikkalkula l-hin li kellu jasal mix-xoghol, u f' kaz ta' dewmien, anke ghal ftit hin, kienet iccempilli. L-attur jghid li meta huwa telaq mid-dar, inizjalment mar jghix ghand ommu, izda eventwalment mar jghix ghar-rasu f' appartament bil-kera;  izda huwa xorta wahda baqa' jhallas id-djun li kellhom il-partijiet, u jghati lill-konvenuta LM30 [illum €70] fil-gimgha bhala manteniment ghaliha u ghat-tfal.

L-attur jichad kategorkament l-allegazzjonijiet ta' martu fis-sens li hu kien infidil lejha, jew li abbanduna lit-tfal;  izda kienet martu li, meta rat li ma setghetx izzommu aktar id-dar, xewxet u mliethom kontra tieghu, tant li llum uhud mit-tfal ma jridux kuntant mieghu.  Biex jevita nkwiet u ma jintaqax mal-konvenuta, huwa jghaddi bil-karrozza minn quddiem id-dar konjugali sabiex jara lit-tfal bis-serqa. Huwa jesprimi x-xewqa tieghu li almenu darba fil-gimgha jkollu kuntatt mat-tfal.

Illi, ghalkemm il-konvenuta kellha opportunita' ampja[3] sabiex tressaq il-provi taghha, hija la resqet xhieda u lanqas biss ipproduciet l-affidavit tghha, izda llimitat ruhha sabiex tikkontro-ezamina lill-attur dwar ir-relazzjoni

[3] Vide verbal tas-seduti peritali tat-23 ta' Marzu, 20 ta' April u 4 ta' Mejju 2009 li nzammu specifikatament sabiex il-konvenuta tressaq il-provi taghha

adulteruza tieghu allegata minnha, u dan bir-rizultat li l-attur kompla jichad kategorikament din l-allegazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-provi, mhux kontraddetti, jirrizulta ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti li l-komportament tal-konvenuta, konsistenti f' ghira eccessiva, u li zviluppat f' ossessjoni, fil-konfront ta' l-attur, u li kienet il-fonti ta' hafna nkwiet bejniethom, kienet tali li, ezercitata fuq bazi abitwali u ripetuta, rrendew il-konvivenza matrimonjali nsapportabbli ghall-istess attur li fil-11 ta' Marzu 2007 kien kostrett li jitlaq mid-dar konjugali. Dan jikkostitwixxi 'sevizzi' da parti tal-konvenuta fit-termini ta' l-artikolu 40 ta' l-imsemmi Kap.

Minn naha l-ohra, il-konvenuta ma pprovatx l-allegazzjonijiet ta' adulterju u abbanduna, maghmula minnha fil-konfront ta' zewgha.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li jirrizulta car li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment tort esklussivament tal-konvenuta.

**Kura u Kustodja**
Illi in propozitu l-Qorti taccetta li hu fl-interess tat-tfal li dawn ikollhom kuntatt ma' missierhom, almenu darba fil-gimgha; u ghalhekk, filwaqt li tafda l-kura u kustodja tal-minuri f' idejn iz-zewg genituri, tordna li dawn jibqghu jghixu ma' l-omm, filwaqt li l-missier ikollu access fil-gimgha, b' mod alternat, kull nhar ta' Hadd mill-10.00am sal-5.00 pm u nhar ta' Sibt mit-3.30pm sas 7.30 pm. Il-minuri ghandhom jingabru mill-attur, u jigu ritornati, minn hdejn l-ghassa tal-post fejn dawn ghandhom ir-rezidenza taghhom.

**Manteniment**
Illi rigward il-manteniment, mill-provi jirrizulta, mhux kontraddett, u sostnut bi provi orali u dokumentarji li l-attur jahdem bhala 'labourer' ma' Polidano Bros. Ltd u ghandu paga medja fil-gimgha ta' LM78.88 [illum €183.74] filwaqt li ghandu spejjez fix-xahar ta' LM120 [illum €279.6], u

LM85.85 [illum €197.45] pagamenti tas-self fuq il-karrozza.

L-attur jspjega wkoll li martu baqghet tghix fid-dar konjugali, mikrija lil missierha, flimkien ma' missierha u huha li ghandu mpieg. Jghid li din toqghod maghhom, bit-tfal taghha, u tiehu hsieb id-dar ghalihom ukoll, u ghalhekk dawn jghinunha finanzjarjament tenut kont tas-servizz li qed taghtihom. Inoltre, hija tippercepixxi children' s allowance ta' €2,857.40 fis-sena; kif ukoll ghajnuna socjali ta' €122.86 fil-gimgha[4]

Inoltre, mix-xhieda tar-rapprezentat[5] ta' l-ADT jirrizulta li l-konvenuta ghandha registrata fuq isimha zewg karrozzi Toyota Starlet bin-numri LCA-362 u XXX-084.

Fid-dawl ta' din il-pozizzjoni finanzjarja tal-partijiet, il-Qorti hi tal-fehema li l-ammont ta' €70 fil-gimgha bhala manteniment ghall-attrici u ghat-tfal huwa wiehed adegwat u gust fic-cirkostanzi. Dan l-ammont jirrapprezenta in kwantu ghal €20 manteniment ghall-konvenut, filwaqt li r-rimanenti ammont ta' €50 ghandu jitqies bhala manteniment ghat-tfal minuri. Inoltre, dan l-ammont ghandu jizdied kull sena skond l-ghola tal-hajja kif indikat fl-indici ufficjali tal-gvern.

Ghalhekk tordna li kull gimgha l-attur jivversa lil martu f' kont bankarju ndikat minnha, l-imsemmi ammont ta' €70

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

L-assi tal-komunjoni jikkonsistu fis-segwenti proprjeta' mobbli li ghandha tinqasam kif ser jigi ordnat:

[1] Il-vettura Toyota Corsa misjuqa mill-attur qed tigi assenjata lilu, filwaqt li l-karrozzi l-ohra, Toyota Starlet, numri LCA-362 u XXX-084 li jinsabu fil-pussess tal-konvenuta qed jigu assenjati lilha. Il-partijiet huma obbligati jhallsu d-djun li jezistu fuq il-vetturi assenjati lilhom.

---

[4] Dep. Ivan Cilia [sigurta' socjali] – fol.92

[5] Dep. Christopher Darmanin – fol.92

[2] Li l-effetti mobbli li ghadhom fid-dar konjugali, li jinsabu fid-dar konjugali qed jigu assenjati lill-konvenuta; filwaqt li d-DVD player u t-televizjoni li jinsabu fil-pussess ta' l-attur qed jigu assenjati lilu bl-obbligu li jkompli jhallas id-dejn li ghad hemm fuqhom; minn naha l-ohra l-cooker li hemm installat fl-istess dar qed jigi assenjat lill-konvenuta bl-obbligu li din thallas id-dejn li ghad hemm fuqu.

*Eccezzjonijiet preliminari*
Illi fir-risposta guramentata tieghu, l-attur rikonvenzjonant, eccepixxa n-nullita' tal-kontro-talba tal-konvenuta, in bazi ghall-artikoli tal-ligi ndikati fl-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' l-imsemmija risposta.[6]

Il-Qorti tosserva li, ghalkem fil-kontro-talba ma gewx osservati skrupolozament id-dettami tal-ligi, mill-banda l-ohra pero' l-attur rikonvenzjonat ma sofra ebda pregudizzju, multo magis, meta jigi konsidrat il-fatt li r-risposta guramentata tieghu giet prezentata fit-terminu legali.[7] Inoltre, il-kawzali u r-raguni tat-talbiet huma ndikati b' mod car fil-kontro-talba.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 789 tal-Kap.12 , hija tal-fehema li dawn iz-zewg eccezzjonijiet huma legalment insostenibbli, u ghalhekk qed jigu michuda.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija tal-konvenuta;
[2] tilqa' t-tieni u t-tielet talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja;
[3] tilqa' ir-raba' u l-hames talba fit-termini, u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';
[4] tichad is-sitt talba, stante li ma ngabux provi f' dan ir-rigward;

---

[6] Fol.23
[7] Mill-atti jnirrizulta li, filwaqt li hu gie notifikat bil-kontro-talba fit-2 ta' Awissu, huwa pprezenta r-risposta guramentata tieghu fl-14 ta' Awissu 2007

[5] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba’ talba, stante li hi superfluwa;
[6] tilqa’ t-tmien talba;

L-ispejjez ta’ l-azzjoni ghandhom jkunu kollha a kariku tal-konvenuta, salv ghal dawk relattivi ghat-talbiet numri sitta [6] u seba [7] li ghandhom jibqghu a kariku ta’ l-attur;

Tiddeciedi dwar il-kontro-talba, billi, filwaqt li tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat:

[1] tilqa’ l-ewwel talba, limitatament u u fis-sens gja’ fuq deciz;
[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li hi superfluwa;
[3] tilqa’ t-tielet u s-sitt talba limitatament u fis-sens fuq gja deciz;
[4] tichad ir-raba’ talba;
[5] tichad il-hames u t-tmien talbiet;
[6] tichad is-seba’ talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;
[7] tilqa’ t-tmien talba limitatament u fis-sens gja fuq deciz;

L-ispejjez kollha tal-kontro-talba ghandhom jkunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------